**Talba tar-rikorrenti**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008)6015 finali tal-21 ta' Ottubru 2008 dwar l-għajnuna mill-Istat C 20/2008 (ex 62/2008) li l-Italja biħsiebha tagħti taħt il-forma ta' emenda tal-iskema ta' għajnuna N 59/2004 dwar mekkaniżmu difensiv temporanju għall-bini ta' bastimenti, innotifikata lir-Repubblika tal-Italja fit-22.10.2008 bin-nota tat-22.10.2008 Nru SG-Greffe (2008) D/206436.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Id-deċiżjoni kkontestata f'din il-kawża hija l-istess bħall-Kawża T-584/08 Cantiere Navale De Poli vs Il-Kummissjoni.

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati f'dik il-kawża.

## Rikors ippreżentat fil- 5 ta' Jannar 2009 — UniCredit vs UASI — Union Investment Privatfonds (UniCredit)

**(Kawża T-4/09)**

(2009/C 55/82)

*Lingwa tar-rikors: It-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* UniCredit SpA (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: G. Floridia, avvocato, R. Floridia, avvocato)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Union Investment Privatfonds GmbH (Frankfurt am Main, il-Ġermanja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-3 ta' Novembru 2008, fil-Każ R 1449/2006-2, dwar il-proċedimenti ta' oppożizzjoni Nru B699.746.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* UniCredit SpA

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* Trade mark figurattiva bil-kulur "1 (li djagonalment jaqsam ċirku) UniCredit" (Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 2.911.105), sa biex issir distinzjoni bejn prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 16, 35, 36, 38, 39, 41 u 42).

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni:* Union Investment Privatfonds GmbH.

*Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Trade marks verbali Ġermaniżi "UniSECTOR", "UniDynamicFonds" u "UniGarant" għal servizzi fil-klassijiet 35 u 36.

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* Oppożizzjoni milqugħa sa fejn tikkonċerna s-servizzi fil-klassi 36.

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* Appell miċħud.

*Motivi invokati:* Applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark Komunitarja. Ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata ma ħaditx inkunsiderazzjoni la l-kapaċità ta' perċezzjoni tal-pubbliku li għalih huma intiżi s-servizzi inkwistjoni u lanqas il-karattru distintiv ineżistenti jew skars tal-prefiss "Uni".

## Appell ippreżentat fil-15 ta' Jannar 2009 minn Luigi Marcuccio kontra d-digriet mogħti fl-4 ta' Novembru 2008 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-133/06, Marcuccio vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-9/09 P)**

(2009/C 55/83)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Partijiet**

*Appellant:* Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avvocato)

*Parti l-oħra fil-kawża:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet tal-appellant**

— Fi kwalunkwe każ:

(A.1) tannulla fl-intier tiegħu u mingħajr eċċezzjoni d-digriet appellat.

(A.2) tiddikjara li r-rikors fl-ewwel istanza kien manifestament ammissibbli.

— Prinċipalment:

(B.1) tilqa' fl-intier tagħhom u mingħajr eċċezzjoni t-talbiet tal-appellant li jinsabu fir-rikors fl-ewwel istanza;

(B.2) tikkundanna l-appellata tħallas lura l-ispejjeż kollha tal-kawża, inkluż kemm dawk tal-ewwel istanza kif ukoll dawk tal-appell;

— sussidjarjament:

(B.3) tibgħat mill-ġdid il-kawża quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, b'kompożizzjoni ġdida, sabiex tiddeċiedi mill-ġdid fuq l-istess talbiet.